**IN-NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦA TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU.63 - L-ERBGĦA 24 TA' JANNAR 2024**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru Fis-5.45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Sindku |
| | Christopher Deguara | Viċi Sindku (wasal fis-6pm) |
| | Marlon Brincat | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | Kunsillier |
| | Mark Anthony Deguara | Kunsillier |
| | Joseph Spiteri | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier (wasal 5:46pm) |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Yanika Borg | Uffiċjal tal-Kunsill |
| Assenti b'apoloġija: | Stephen Abela | Kunsillier |
| Assenti: | Ivan Gaffiero | Kunsillier |

Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-laqgħa qed tiġi trasmessa live fuq il-paġna ta' Facebook.

**Minħabba li kien hemm il-ħtieġa li tingħaqad l-accountat tal-Kunsill online l-ordni tal-laqgħa inbidlet kif ġej.**

**1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;**

1.1. Is-SE informa li kien infurmat milll-Kunsillier Abela li jinsab indispost.

1.2. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Gatt.

**2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI;**

2.1. Il-Kunsill approva l-minuti tal-laqgħa nr. 62 *nem com*. Ipproponiet il-Kunsillier Cuomo ssekondata mill-Kunsillier Brincat.

**3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU;**

3.1. Is-Sindku ressqet il-komunkazzjoni hekk kif ġej:

3.1.1. Hija fakkret li fis-27 ta' Dicembru sar kuncert li gie organizzat bl-għajnuna tas-Socjetajiet u n-Naxxar Lions.

3.1.2. Hija nfurmat li fil-15 ta' Jannar iltaqgħat ma' operatur tat-Tours fejn ġew diskussa żewġ tours; waħda ghal Sqallija f'Marzu li gej u f'Mejju fil-Bulgarija. Sqallija mis-16 sad 19 ta' Marzu u se jinkludi attendenza għal-

Kavalkata ta' San Ġuzepp. Il-poster se jkun imnhiedi l-għada. Tour iehor ser isir fil-Bulgarija fix-xahar ta' Mejju, d-dettalji jingħataw aktar 'il quddiem.

3.1.3. Hija nfurmat li fis-17 ta' Jannar iltaqgħat ma l-Eċċellenza Tiegħu, l-Australian High Commissioner. Huwa talab li jiltaqa' biex jintroduċi ruħu peress li għadu kif inħatar f'din il-kariga u peress li huwa resident fin-Naxxar.

3.1.4. Is-Sindku semmiet li rigward il-kawża Joseph Fenech vs TM et, bħalissa qed issir diskussjoni mal-avukat sabiex tkun appellata d-deċiżjoni.

3.1.5. Is-Sinkdu infurmat li nqata' l-appell tal-Ġnien tan-naħa t'isfel ta' Vjal il-Labour. L-appell inqata' favur il-Kunsill u hemm koordinazzjoni ma' Vassallo Group sabiex jibda l-proċess biex eventwalment jibdew ix-xogħlijiet.

3.1.6. Is-Sindku infurmat li l-bandli ta' Ġnien Toni Vella tlestew u qed issir koordinazzjoni għall-inawgurazzjoni tagħhom.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI;

4.1. Is-SE informa li ma kellux mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 5. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TA' RAPPORTI FINANZJARJI:

5.1. Is-SE ippreżenta r-rapporti finanzjarji. Dawn ġew meqjusa moqrija.

5.1.1. Lista ta' pagamenti (immarkata Seduta tal-Laqgħa nr 8/62) anness f'appendiċi A.

5.1.2. Lista ta' dħul tax-xahar ta' Diċembru anness f'appendiċi B.

5.1.3. Lista ta' ordnijiet għax-xahar ta' Diċembru anness f'appendiċi Ċ.

5.1.4. Lista ta' infiq mill-petty cash għax-xahar ta' Diċembru anness f'appendiċi D.

5.2. Il-Kunsill approva r-rapporti (nem con) fuq proposta tas-Sindku, ssekondata mill-Kunsillier Deguara.

## 6. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SOTTOKUMITAT TAT-TALBIET U LMENTI;

6.1. Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tas-Sottokumitat tat-Talbiet u Lmenti li saret l-Erbgħa 17 ta' Jannar 2024. (anness f'appendiċi E).

6.2. Il-Kunsillier Brincat talab li każ nr. 70031 jerġa jiġi diskuss f'laqgħa tas-sottokumitat li jmiss u tintalab l-opinjoni tas-sidien tan-negozji taż-żona.

6.3. Is-Sindku pinfurmatu li kellha laqgħa ma dawn is-sidien dakinhar stess u kien hemm qbil dwar kif xtaqu li tkun immarkata din iż-żona.

6.4. Il-Kunsill qabel li għandu jimxi ma' dak propost mis-sidien.

6.5. Il-Kunsill approva l-minuti (nem con) fuq proponiment tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Spiteri.

**7. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT TAL-FINANZI;**

7.1. Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi li saret l-Erbgħa 17 ta' Jannar 2024. (anness f'appendiċi F). Il-punti diskussi f'din il-laqgħa kienu:

7.1.1. Talbiet għal ħlas ta' danni:

a. 002/24 - Triq il-Kappella ta' Santa Marija - EUR126;

b. 003/24 - Pjazza Vitttorja - EUR85 (barxa fuq żarbuna);

7.1.2. Servizz ta' stħarriġ dwar il-Pjazza;

7.1.3. Zebra Crossing - Triq il-Kappella ta' Santa Marija, Maghtab;

7.1.4. Zebra Crossing - Triq is-Salina;

7.1.5. Zebra Crossing - Triq San Pawl;

7.1.6. Water Culvert quote - Triq l-Alfier, Naxxar (Eur15,200);

7.1.7. Pjan ta' attivitajiet matul is-sena;

7.1.8. Baġit 2024 u l-Pjan;

7.1.9. Il-kwistjoni tad-dawl tat-toroq li qed jiġu jiswew ħafna aktar;

7.2. Il-Kunsill approva dawn il-minuti (nem con) fuq proponiment tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier Brincat.

**8. PJAN TA' TLIET SNIN;**

8.1. Is-Sindku pproponiet li dan il-Pjan ikun diskuss waqt il-laqħa tal-Kunsill li jmiss.

8.2. Is-SE issuġerixxa li l-pjan ikun diskuss waqt il-Kumitat tal-Finanzi.

8.3. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tas-SE.

**9. RAPPORTI FINANZJARJI GĦAS-SENA 2023;**

9.1. F'dan il-punt wasal il-Vici Sindku, il-ħin kien is-6.00pm.

9.2. L-Accountat tal-Kunsill ingħaqdet mal-Kunsill online u spjegat ir-rapporti finanzjarji u s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill.

9.3. Is-SE fakkar li dan ir-rapport irid jgħaddi għand l-Awdituri biex ikunu verifikati u wara jista' jkun hemm xi aġġustamenti. Mill-esperjenza dawn dejjem kienu minimi li ma jħallux effett fuq il-pożizzjoni finanzjarja. B'riżultat il-Kunsill eventwalment ikun irid jerġa japprova l-*financial statements* verifikati.

9.4. Il-Kunsill approva (nem con) l-financial statements għas-sena 2023 kif ukoll l-aħħar rapport finanzjarju tal-kwart tas-sena.

**10. BAĠIT 2024**

10.1. Is-SE spjega l-baġit għas-sena 2024 fid-dettall. Fakkar li l-Kunsill irid jillimita għal dak ivvutat u jrid joqgħod attent li ma jonfoqx aktar minn dak allokat kull vot. Dwar l-attivitajiet fakkar li l-Kunsill ma jieħux fondi għal dan il-għan u għalhekk l-ammonti allokati fil-baġit huma limitati ħafna tant li jridu ikun hemm finanzjament apparti biex ikunu jistgħu isiru ċertu avvenimenti.

10.2. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel mal-baġit propost.

**11. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS.**

11.1. Il-Laqgħa ntemmet fis-6.50pm.

11.2. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 28 ta' Frar fis-5:30pm.

11.3. Il-Kunsill qabel wara ssir il-laqgħa tal-lokalità fis 7.00pm

**ANNE MARIE MUSCAT FENECH ADAMI**
**SINDKU**

**PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY)**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**